# SME HELPDESK

PUBBLIKAZZONI 15
27 TA' MARZU 2015

# Il-liġi proposta li ser tkun qed tirregola in-negozji tal-familja

## Il-*Family Business Act*



***L-onorevoli Ministru Dr. Chris Cardona***

Ħbieb,

Fil-ħarġa tal-lum għażilt li nikkomunika magħkom dwar liġi li qed tiġi proposta li bihsieba tiddaħħal fix-xhur li ġejjin. Qed nirreferi għall-liġi tan-negozji tal-familja, jew fi kliem ieħor il-*Family Business Act*, (FBA).

Liġi li ilha maħsuba is-snin, iżda kien appuntu issa li jidher li qabdet il-*momentum* sabiex, dalwaqt, tkun tista' tiġi approvata u tkun tista tidħol fis-seħħ.

Malta ser tkun l-ewwel pajjiż Ewropew li ser idaħħal liġi ta' dan it-tip li ha joffri assistenza diretta lin-negozji tal-familja sabiex jirċievu għajnuna meta jiġu biex jittrasferixxu n-negozju tagħhom minn ġenerazzjoni għall-oħra. Liġi bbażata fuq il-linji gwida li dejjem

**Segretarjat ta' l- MEA:**

*Direttur Ġenerali*
Joseph Farrugia

*Avukat*
Dr. Charlotte Camilleri

*Uffiċċjal Eżekuttiv ta' l-SME Helpdesk*
Anton Vella

*Segretarja*
Dorianne Azzopardi Cilia

© SME HELPDESK hu ippreparat u ċċirkulat mill-
ASSOĊJAZZJONI TA' MIN IĦADDEM

35/1, Triq Nofs in-Nhar
Valletta VLT 1100, Malta
t: (+356) 21237585, 21222992
24/7 helpline: (+356) 21222006
f: (+356) 21230227
www.maltaemployers.com

CORPORATE SPONSOR

vodafone




***Dr. Nadine Sant – MEIB***




***Karl Herrera – Malta Enterprise***




***Marko Curavic' – EU Commission***

ipproponiet l-Unjoni Ewropea. Liġi li ser tkun qed tiddefenixxi eżattament x'nifhmu meta ngħidu "membri tal-familja" għal skopijiet ta' negozju tal-familja, x'infissru meta ngħidu "negozju", u fuq kollox x'inhi id-definizzjoni ta' "negozju tal-familja".

Fil-proċess ta' konsultazzjoni, li issa ilu għaddej madwar sena u nofs, diġa ħadu sehem madwar 32 entita' u *stakeholder*. Bħalissa dan il-proċess għadu mhux konkluż, u kumitat li ġie mwaqqaf apposta, jinsab fil-fażi finali li jikkonkludi d-dokument, li fi ftit tal-gimgħat oħra ser ikun jista jiġi ppreżentat quddiem il-kabinett. L-intenzjoni hi, li wara li dan id-dokument jiġi endorsjat mill-istess kabinett, tiġi ippubblikata *white paper* bid-dettalji kollha, ta kif qed tiġi proposta il-liġi, u finalment wara li jsiru l-aġġustamenti meħtieġa, tkun tista titressaq quddiem il-Parlament Malti għall-approvazzjoni finali.

L-MEA kienet fost dawn l-entitajiet, li bagħtet l-ideat, u l-proposti tagħha sabiex jiġu kkunsidrati, u f'isem il-membri sa mill bidu esprimiet liema kienu dawk il-preokkupazzjonijiet li riedu jiġu ndirizzati.

Minn fost l-intrapriżi kollha f'Malta, insibu li madwar 31,000 minnhom huma meqjusa li huma negozji tal-familja, u dawn iħaddmu xejn inqas minn 40,000 ruh.

Iżda dan huwa biss kalkolu, u ma jistax jiġi vverifikat qabel ma jkollna il-propja reġistru fejn wieħed ikun jista' jirreġistra n-negozju tiegħu bħala wieħed li jaqa taħt il-kategorija ta' negozju tal-familja. Hu appuntu għalhekk li din il-liġi ser tkun qed taghti perspettiva ġdida, ta' kif inħarsu lejn dan is-settur. Liġi li ser tkun qed tistabilixxi il-parametri eżatti ta' x'jikkostitwixxi negozju ta' familja. Il-liġi kif qed tiġi proposta, bl-ebda mod ma ser tkun qed tiddetta kif jopera negozju, iżda ser tkun qed tiggwida lil imprendituri kif għandhom jirregolaw rwieħom sabiex ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati bħala negozji tal- familja, u itihom għodda legali li tiggwidahom ukoll ta' kif għandhom jaġixxu meta jaslu għall-punt ta' suċċessjoni, trasferibilita' u governanza tal-istess negozju tagħhom.

L-*issues* prinċipali li ser tkun qed tindirizza din il-ligi huma, il-problemi finanzjarji li jiffaccaw kemm ghaliex ma jkunux hasbu ghat-trasferiment u kemm minhabba il-piz fiskali li obbligati ihallsu sabiex issir it-trasferiment, is- suċċessjoni, u diffikultajiet fil-governanza tan-negozju li jinħolqu wara li jkun hemm konflitti fil-familja.

Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, il-Gvern, permezz tal-*Malta Enterprise* ġa qed jaħseb kif jista' joffri l-għajnuna tiegħu bi skemi speċifiċi, ndirizzati għal dawk li jkunu reġistrati bħala negozji tal-familja.

L-MEA, qeghda tkun parteċipi, fil-laqgħat li qed jiġu organizzati, u qed toffri il-kontribut kull meta tiġi mitluba tagħmel dan. Ftit tal-jiem ilu, waqt *business breakfast*, organizzat mil-Ministeru responsabbli mill-introduzzjoni ta din il-liġi, fejn matulu indirizzawna l-Onorevoli Ministru, Dr.Chris Cardona, il-*legal advisor* tal-Ministeru Dr. Nadine Sant, ir-rappreżentant mill-*European Commision* Marko Curavic' u Karl Herrera mil-*Malta Enterprise*, l-istess rappreżentant tal-*Malta Enterprise*, spjegalna x'inhuma l-inċentivi li qed jiġu proposti li

jidħlu fis-sehh malli l-liġi tiġi approvata.

Fost l-incentivi li qed jiġu proposti hemm li l-iskema tal-*micro invest*, li bħalissa hi miftuħa biss għal negozji li jħaddmu magħhom anqas minn 30 ħaddiem, tista tiġi estiża ukoll għal dawk li ser ikunu ikklasifikati li jaqgħu fil-kategorija ta negozji tal-familja

Anke l-*advisory schemes*, hemm il-ħsieb li jistgħu jiġu estiżi għan negozji tal-familja, u żewg servizzi li qed jiġu proposti li jiżdiedu huma l-għajnuna diretta fis-suċċessjoni legali, u jiżdied ukoll servizz ta' arbitru.

Hemm il-ħsieb li jiġi ntrodott *mini grant* li jkun jista jintuża minn sidien ta' negozji tal-familja, sabiex ikun jista jużaħ għal-*training* tal-impjegati tieghu f'ħiliet bażiċi.

Qed jiġi propost ukoll li jkun hemm estenjoni tal-*micro guarantee scheme*, firxa akbar tal-*investment aid schemes*, kif ukoll bidliet fir-regoli tal- *business property transfer lease.*

Dan kollu qed jiġi propost mill-*Malta Enterprise*, u għadu irid jiġi approvat, iżda teħdux ħsieb għaliex malli l-liġi fil-komplet tagħha tiġi approvata, inkun minn ta' l-ewwel li nerġa nikkomunika magħkom sabiex intikhom aktar dettalji, dwar l-iskemi kollha li jkunu ser jiddaħħlu fis-seħħ.

Sakemm nerġgħu niltaqgħu, ppermettuli nerġa' nfakkarkom li min jixtieq isir membru magħna, u b'hekk jkun jista' jingħaqad mas-600 imprenditur li bħalissa għandna imseħbin fl-Assoċċjazzjoni ta' min iħaddem, kull ma jrid jagħmel hu, li jibgħatli *email*, jew jikkuntattjani, u jien inkun nista' niggwidah.

Tislijiet

Anton
SME Helpdesk Executive

**SPECIALISTS IN CUSTOM MADE DISPLAYS FOR SUPERMARKETS AND STORES**





ZAFFARESE
signs + display ltd

Tel: 21484305/6
info@zaffarese.com
www.zaffarese.com